# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' April 2019

**Rikors Numru : 525/2018 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**EC**

**vs**

**MC u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2019, il-kunjom irid jinqara A.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' EC, datat 27 ta' Novembru, 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' April 1985 fil-Knisja ta' Santu Kristu, Hal-Ghaxaq kif jidher fl-att taz-zwieg hawn anness u markat Dokument "A" bin-numru tal-iskrizzjoni numru 503/1985.*

*Illi mill-istess unjoni twieldu zewgt itfal, J li twieled fid-9 ta' Ottubru 1986 u B li twieldet fl-20 ta' Awissu 1991. L-imsemmija zewgt itfal tal-kontendenti illum ghandhom l-eta' ta' 32 u 27 sena rispettivament u ghandhom hajja indipendenti minn dik tal-genituri taghhom.*

*Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment madwar 25 sena ilu, meta l-kontendenti sseparaw de facto u ilhom ma jghixux flimkien minn dak iz-zmien 'l hawn.*

*Illi inoltre, il-partijiet isseparaw legalment in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-20 ta' April 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech (kopja hawn anness u markata Dokument "B").*

*Illi in forza tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet iddekadew reciprokament mill-jedd li jircievu manteniment minghand xulxin ghall-bzonnijiet taghhom.*

*Illi llum il-kontendenti ghandhom hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni taghhom.*

*Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg taghhom a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli jidrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Jannar, 2019, ghall-korrezzjoni fil-kunjom l-intimata stante li MC kienet ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' A fil-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali (Vide fol 44);

Rat in-nota Nota ta' EC rigward il-manteniment, fejn jinghad:

*L-artikolu 66B tal-Kodici Civili jghid hekk:*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin*

*matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data ta-sseparazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*L-esponent jissottolinea b'mod partikolari il-paragrafu (c) u dan stante li fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019, l-intimata MA tghid li jezisti xi manteniment dovut.*

*B'kull dovut rispett, dak li tghid l-intimata A mhuwiex minnu. Tajjeb jinghad li l-uniku kuntratt pubbliku (li allura minnu jista' jemanixxi xi obbligu ta' manteniment) gie pubblikat fl-20 ta' April 2018 quddiem in-Nutar Dottor James Grech u ma jezisti ebda kuntratt iehor. Fil-fatt, l-intimata stess, quddiem din il-Qorti, ikkonfermat li ghalkemm kien hemm kuntratti, dawn qatt gew iffirmati.*

*Jirrizulta wkoll li kien biss l-esponent li kien intavola proceduri fil-konfront tal-intimata fl-ismijiet EC vs MC (Cit. Nru. X) liema kawza giet meqjusa dezerta fl-Y.*

*Minn ricerka fis-sistema tal-Qorti jirrizulta li l-intimata **qatt**, la qabel, u lanqas wara li saret il-kawza hawn fuq imsemmija, u lanqas qabel jew wara l-kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi ta' l-20 ta' April 2018, ma ghamlet xi talba ghall-manteniment.*

*F'kull kaz, l-artikolu 66B tal-Kap. 16 jghid li l-Qorti trid tkun soddisfatta li l-mizzewgin u kull wild **QED JIRCIEVU** manteniment adegwat. M'hemmx dubju li l-ebda manteniment ma huwa dovut lill-intimata stante li l-istess iddekadiet skond il-ligi mill-jedd li tircievi manteniment minghand ir-ragel (ara r-raba' paragrafu f'klawsola (c) pagna 3 tal-kuntratt pubbliku tal-20 ta' April 2018).*

*Inoltre, ma jista' qatt ikun li l-ulied suppost li "QED JIRCIEVU" manteniment adegwat, u li mhumiex, u dan stante li b'ammissjoni tal-kontendenti, l-ulied huma t-tnejn maggorenni, huma mizzewgin, u ghandhom aktar minn 23 sena.*

*Konsegwentement, ai termini tal-artikolu 3B tal-Kodici Civili, l-ebda manteniment ma jista' jkun dovut lill-ulied u qatt ma kien jezisti xi ordni tal-Qorti (jew ftehim bejn il-kontendenti) li jghid mod iehor.*

*Fl-ahhar nett l-esponent ma jistax ma jigbidx l-attenzjoni ghall-ahhar paragrafu tal-kuntratt pubbliku tal-20 ta' April 2018 fejn jinghad:*

*"Salv il-premess, il-partijiet jiddikjaraw illi m'ghandhom ebda pretensjoni ulterjuri kontra xulxin* ***u qed jaghtu kwittanza l-aktar ampja, definittiva u generali****".*

*M'hemmx dubbju wkoll, ghalhekk, li l-intimata ma tistax, wara tali kwittanza, tippretendi xi haga minghand l-esponent.*

*In konkluzjoni, l-esponent jissottolinea li l-paragrafu (c) tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jezigi li l-Qorti tkun soddisfatta li* ***ma jezisti ebda obbligu ex contractu jew ordni tal-Qorti li xi wahda mill-partijiet qeghda tikser*** *jew imqar* ***li xi darba ksiret****. Minflok, l-esponent jissottometti li din il-Qorti tista' facilment tkun soddisfatta li kuntrattwalment ma jezisti ebda obbligu ta' hlas ta' xi manteniment, izda transazzjoni u kwittanza assoluta dwar il-kontenut u t-termini tal-istess kuntratt.*

*Ghaldaqstant, ma jezisti ebda impediment ghall-pronunzjament tad-divorzju, u konsegwentement l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu u tordna l-hall taz-zwieg tal-kontendenti a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni mil-avukat tal-attrici;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**EC** xehed a fol 46 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-27 t'April 1985 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-29 t'April 2018 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ghalkemm il-kontendenti kienu ilhom ma jghixu flimkien ghal madwar hamsa u ghoxrin (25) sena. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt 'itfal, li llum il-gurnata t-tnejn ghandhom aktar minn tlieta u ghoxrin (23) sena. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Mistoqsi rigward il-manteniment tal-ulied meta kienu ghadhom minuri, r-rikorrent ammetta li kien hemm okkazzjonijiet fejn ma hallas manteniment ghat-tfal, u qal illi "*Dak ghadda z-zmien, min kellu, min ma kellux, gieli ma kellix jien u qadt b'xejn. Gieli ma kellhomx huma. Hallast li stajt.*"

**MA** xehdet a fol 49 *et seqq* u filwaqt li kkonfermat ix-xhieda tar-rikorrent f'dak li ghandhom x'jaqsam is-separazzjoni tal-kontendenti, spjegat illi ghad hemm manteniment x'jithallas mir-rikorrent ghall-ulied il-partijiet, peress li r-rikorrent kien abbanduna d-dar matrimonjali meta z-zewg ulied kellhom sitt u tmien snin rispettivament, u qatt ma kien hallas manteniment ghalihom.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih***

***preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Il-Qorti rat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' April. 1985 (Vide Dok. A) fil-Knisja ta' Santu Kristu gewwa Hal Ghaxaq u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied li llum maggorenni;

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' April, 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech (Vide Dok. B), izda ilhom ma jghixu flimkien ghal madwar tnejn u ghoxrin sena, minn meta l-partijiet isseparaw de facto;

Mix-xhieda tal-intimata jirrizulta illi r-rikorrent **qatt ma hallas manteniment versu ulied il-partijiet**. Dan ma giex kontestat mir-rikorrent. Jirrizulta wkoll pero illi qatt ma kien hemm ordni gudizzjarju jew kuntratt li jirregola l-hlas ta' manteniment versu l-ulied mir-rikorrent. L-intimata pero xehdet illi hija qed tippjana illi tintavola proceduri kontra r-rikorrent sabiex tirkupra minghandu l-ispejjez li nkorriet ghat-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk il-Qorti ghandha tqis jekk ir-rekwizit tal-Artikolu 66B (c) huwiex sodisfatt f'dan il-kaz.

Il-Qorti rat illi skont l-Artikolu 66D (2), l-intimat f'kawza ta' divorzju jista' jikkontesta t-talba billi:

> **"[j]*ipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa',tkun aktar diffiċli għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment.*"**

Illi ghalhekk, **ghalkemm il-Qorti tiddeplora serjament in-nuqqas tar-rikorrent illi**

**jikkontribwixxi fit-trobbija ta' ulied il-partijiet**, hija l-fehma konsiderata taghha illi t-talba ghall-hall ta' zwieg maghmula mir-rikorrent ma tistghax tigi kkontestata validament fuq dan il-binarju. Jirrizulta illi qatt ma saret ordni ghall-hlas ta' manteniment versu ulied il-partijiet kontra r-rikorrenti, u di piu', ebda retta alimentari ma giet stipulata f'kuntratt ta' separazzjoni. Il-ligi pero espressament tindika li l-manteniment dovut ghandu jkun manteniment li jkun gie ordnat mill-Qorti jew miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni. Ghalhekk huwa car illi l-ligi ma tapplikax ghall-kaz odjern, u t-talba ghall-hall ta' zwieg maghmula mir-rikorrent ma tistghax tigi kkontestata a bazi tan-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ghall-uliedu.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**